# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1050/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christ Scerri Urry**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Christ Scerri Urry**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 222392(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. għax-xahar ta' Settembru 2023 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Ritianne Scerri Urry u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-

ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7(2)(a), 12(2) u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu ġimgħatejn detenzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. **Tiddikjara** li l-ordni tal-qorti tal-familja, fuq il-bażi tal-akkuża kriminali taħt l-Artikolu 338(z), hija illegali u arbitrarja, u għalhekk ma tistax tiġi applikata.*

*2. **Alternattivament**, tirreferi l-kwistjoni lill-Ewwel Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) għal determinazzjoni kostituzzjonali dwar il-validita' tal-ordni tal-qorti tal-familja u l-kompatibilita' tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR).*

*3. **Tħassar** is-sentenza appellata billi tammonta għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.*

*4. **Tillibera** lill-appellant mill-akkużi kif dedotta kontrih u konsegwentement minn kull ħtija u piena.*

*5. **Alternattivament**, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant billi tvarja l-piena mogħtija għal waħda ekwa u aktar ġusta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2025.

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2025 fejn, fost l-oħrajn, il-konsulent legali tal-appellant informa lil din il-Qorti li l-appellant kien sab xogħol diċenti fis-6 ta' Jannar 2025 u rat ukoll li fis-seduta msemmija l-Qorti ħalliet l-appell għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Diċembru 2024. Għal kull buon fini għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant allura imputat kellu din il-kawża flimkien ma' numru ta' kawżi oħra u li dakinhar tad-9 ta' Diċembru 2024 l-Ewwel Qorti tat sentenza fil-konfront tal-appellant allura imputat fil-kawżi in kwistjoni.

Illi jirriżulta li l-appellant allura imputat instab ħati mill-Ewwel Qorti talli naqas li jħallas il-manteniment dovut lill-*parte civile*. F'dan il-każ l-Ewwel Qorti kkundannatu għal piena ta' ġimgħatejn detenzjoni. Jirriżulta li din il-kundanna saret wara li quddiem l-Ewwel Qorti nżammet seduta qabel ingħatat is-sentenza, f'liema seduta l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward ta' dak li ġie akkużat bih f'dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Għandu jingħad li din l-ammissjoni tal-appellant allura imputat saret fil-preżenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li l-Ewwel Qorti pposponiet il-kawża fejn tat il-fakolta lill-appellant jikkonsulta mal-konsulent legali tiegħu barra mill-awla, meta reġgħet issejħet il-kawża jirriżulta li l-Ewwel Qorti reġgħet staqsiet lill-appellant allura imputat jekk kien ingħata zmien biżżejjed biex jikkontempla d-dikjarazzjoni ta' ħtija tiegħu, jekk kienx fehem b'dak li ġie akkużat bih, jekk kienx jaf x'kienet il-piena u wara li l-imsemmija Qorti reġgħet infurmatu hija stess bil-piena applikabbli, l-appellant allura imputat wieġeb fl-affermattiv għad-domandi kollha li sarulu u reġa' iddikjara li huwa ħati. Għal kull buon fini jingħad li wara li ġara hekk, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal numru ta' xhur wara.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li huwa ma affettwax il-manteniment li kien dovut minnu peress li ma setax jagħmel dan mhux minn dispett jew traskuraġni iżda minħabba limitazzjonijiet finanzjarji li għamluhom impossibbli biex jikkontribwixxi għal dawn l-ispejjeż fil-ħin raġonevoli u minħabba li s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu ma kinitx tippermetti dan. Jgħid li ma ppreżentax risposta għat-talba li saret fil-medjazzjoni peress li r-Rikors ma wasalx għandu pero' ġie aċċettat minn xi ħadd li ma għaddiehx lilu u li b'hekk ġie mogħti digriet mingħajr ma kellu l-opportunita' jirispondi biex jispjega l-mezzi tiegħu. Jgħid li peress li r-reat huwa wieħed kontinwat, huwa qed jiġi penalizzat b'mod ripetut għall-istess sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, li hija barra mill-kontroll tiegħu. Jisħaq li dan jagħmel il-piena sproporzjonata u li tirrikjedi ri-eżami serju biex tkun żgurata ġustizzja sostantiva. Jgħid li fl-istess ġurnata li ngħatat is-sentenza hawn fuq imsemmija, ingħata b'kollox ħdax il-sentenza separata fejn instab ħati li naqas li jħallas manteniment. Jisħaq li jinsab f'qagħda psikoloġika ta' tbatija kbira fejn kull tentattiv li jagħmel biex isib saqajh finanzjarjament qed ikun għalxejn. Jgħid li l-ammont eżorbitanti li ġie ordnat iħallas huwa manifestament lil hinn mill-mezzi tiegħu u li pieni ta' priġunerija mhux biss ser jagħmlu ħsara irreparabbli lill-istat mentali u emozzjonali tiegħu, iżda wkoll ser iċaħħduh mid-dritt fundamentali tiegħu li jkollu relazzjoni ma' wliedu. Jgħid li huwa tpoġġa f'sitwazzjoni fejn il-ħlas tal-obbligi tiegħu sar impossibbli.

Illi l-appellant jisħaq li qed jagħmel minn kollox biex itejjeb il-kundizzjoni finanzjarja tiegħu u qed jaħdem bla waqfien biex itejjeb l-impieg tiegħu u l-opportunitajiet tiegħu sabiex ikun jista' jlaħħaq ma' dawn l-ispejjeż, anke jekk dawn il-piżijiet attwali jkomplu jagħmlulu ħsara u jżommuh lura milli jikseb l-istabbilita' meħtieġa. Jgħid li minħabba f'hekk iħossu aggravat mis-sentenza fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija. Jgħid li l-appell tiegħu jinvoka l-prinċipju tas-sussidjarjeta' stipulata fil-Protokoll 15 tal-ECHR li jenfasizza d-dmir ta' kull qorti nazzjonali, inklużi l-qrati kriminali

tal-ewwel istanza, li jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali skont il-Konvenzjoni. Jgħid li l-appell jeżamina wkoll il-kunċetti ta' validita' ta' ordni tal-qorti, proporzjonalita' u ġustizzja proċedurali li kollha huma essenzjali għall-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 338(z).

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jagħmel riferenza għas-segwenti:

- Prinċipju tax-xogħol sfurzat taħt Artikolu 4 tal-ECHR:
  Jgħid li l-ammonti sproporzjonati li ġie ordnat iħallas flimkien mar-riskju ta' priġunerija f'każ ta' nuqqas ta' ħtija jistgħu jitqiesu bħala forma ta' *forced labour* kif interpretata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

- Prinċipju tas-Sussidjarjeta' taħt il-Protokoll 15 tal-ECHR Sussidjarjeta' u r-Rwol tal-Qrati Nazzjonali:
  Jisħaq li Protokoll 15 tal-ECHR jinkorpora l-prinċipju tas-sussidjarjeta' li jirrikonoxxi li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ir-responsabilita' primarja li jissalgwardjaw id-drittijiet tal-bniedem. Jgħid li dan il-prinċipju jimponi dmirijiet fuq il-qrati kollha li jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu allinjati mal-ECHR. Jargumenta li l-qrati nazzjonali mhumiex limitati għall-ġurisdizzjoni statutorja tagħhom iżda għandhom jinterpretaw il-liġijiet domestiċi b'mod konsistenti mal-ECHR.

- Limitazzjonijiet u Obbligi Ġurisdizzjonali:
  Jgħid li għalkemm il-qrati kriminali f'Malta ma għandhomx ġurisdizzjoni diretta fuq talbiet kostituzzjonali jew dwar drittijiet tal-bniedem, huma obbligati jeżaminaw il-validita' u l-ġustizzja tal-ordnijiet li jkunu qed jinfurzaw u li n-nuqqas li jagħmlu dan jikser il-prinċipju tas-sussidjarjeta' u jimmina l-effettivita' tar-rimedji domestiċi. Jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa l-validita' tal-ordni tal-Qorti tal-Familja li ordnat il-ħlasijiet ta' manteniment.

- Eżempji ta' Applikazzjoni ħolistika mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:
  Hawnhekk l-appellant jagħmel riferenza għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jgħid li l-qrati Maltin għandhom dmir li jeżaminaw mhux biss il-liġi domestika imma wkoll jekk l-ordnijiet u l-proċessi li jinfurzaw jilħqu l-istandards olistiċi meħtieġa mill-ECHR.

- Validita' tal-Ordni tal-Qorti tal-Familja
  Eżawriment tar-rimedji u kunsiderazzjonijiet proċedurali:
  L-appellant jirrikonoxxi li ma eżawriexxiex ir-rimedji ordinarji kollha, bħal ma hi talba għal tnaqqis fil-manteniment mill-Qorti tal-Familja, pero' jisħaq li taħt il-liġi Maltija u l-prinċipji derivati mill-ECHR, in-nuqqas li jiġu eżawriti r-rimedji jista' jikkostitwixxi ostaklu proċedurali.

- Definizzjoni u Standards Legali:
  L-appellant jisħaq li biex ordni tal-qorti tkun infurzabbli taħt Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija trid tissodisfa s-segwenti:

  (a) legalita': li l-ordni tkun konformi mar-rekwiżiti proċedurali u sostantivi taħt il-liġi domestika;

  (b) ċarezza: it-termini tal-ordni għandhom ikunu ċari u infurzabbli;

  (c) ġustizzja: l-ordni għandha tqis iċ-ċirkostanzi tal-individwu, inkluża l-kapaċita' finanzjarja, biex tiżgura li tkun possibbli l-konformita' magħha.

- Applikazzjoni għal dan il-każ:
  Jgħid li l-ordni tal-Qorti tal-Familja maħruġa fl-14 ta' Frar 2022 kienet arbitrarja u nħarġet mingħajr ma tqiesu ċ-ċirkostanzi finanzjarji tiegħu. Jgħid li dan jikser il-prinċipji tal-ġustizzja u l-legalita' kif rikjest kemm mil-liġi domestika u kif ukoll mill-ECHR speċifikament:

(a) inkapaċita′ finanzjarja tiegħu: jgħid li din għamlet impossibbli li tiġi osservata l-ordni ta′ manteniment;

(b) nuqqas tal-Qorti tal-Familja: jgħid li din naqset milli tevalwa l-abbilita′ tiegħu li jħallas il-manteniment u li b′hekk iddgħajfet l-infurzabilita′ tal-ordni.

- <u>Impatt fuq l-Artikolu 338(z)</u>:
  Jisħaq li dan is-sub-Artikolu jissuponi l-eżistenza ta′ ordni valida u legali u li jekk l-ordni tal-qorti tal-familja tkun illegali jew mhux inforzabbli, Artikolu 338(z) ma jistax jiġi applikat. Jgħid li l-impożizzjoni ta′ responsabilita′ kriminali f′tali ċirkostanzi tikser il-prinċipji ta′ legalita′ skont Artikolu 7 tal-ECHR.

- <u>Proporzjonalita′ u Ġustizzja Proċedurali</u>
  <u>Proporzjonalita′ taħt Artikolu 5(1)(b) tal-ECHR</u>:
  Jargumenta li Artikolu 5(1)(b) jippermetti detenzjoni biss għall-iskop li tiġi nfurzata ordni tal-qorti li tkun legali u proporzjonata. Jgħid li f′dan il-każ kien hemm inkapaċita′ finanzjarja tiegħu.

- <u>Ġustizzja taħt Artikolu 6 tal-ECHR</u>:
  Jisħaq li l-ammissjoni ta′ ħtija tiegħu ma tistax tillibera lill-Qorti mid-dmir tagħha li teżamina l-validita′ u l-infurzabilita′ tal-ordni tal-Qorti tal-Familja. Jgħid li ammissjoni ta′ ħtija ma tneħħix l-obbligu tal-Qorti li tiżgura li l-elementi fundamentali tal-imputazzjoni jkunu legali u ġusti b′dan illi l-Qorti trid tivverifika jekk l-ordni tal-qorti tal-familja kinitx valida, legali u infurzabbli u li nuqqas li jsir dan jikser il-prinċipji ta′ legalita′ u ġustizzja proċedurali kemm taħt il-liġi domestika kif ukoll taħt l-ECHR.

- <u>Preċedenti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>:
  Jagħmel riferenza għal sentenzi mogħtija mill-Qorti msemmija u jgħid li dawn il-preċedenti jappoġġjaw l-

argument tiegħu li l-validita' tal-ordni tal-Qorti tal-Familja trid tiġi evalwata qabel ma jiġi applikat Artikolu 338(z).

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors tal-appell tal-appellant jirriżulta ben ċar li l-appell tiegħu huwa msejjes fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ikun opportun mal-ewwel li din il-Qorti tinnota li l-funzjoni tagħha hija dik li tqies jekk l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġonevolment u legalment validu.[1] Mhijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tidħol fi kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali b'dan illi dawk il-kwistjonijiet għandhom jiġu mistħarrġa mill-Qorti kompetenti li mhijiex din il-Qorti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li fil-każ odjern l-appellant allura imputat ammetta għal dak li ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti. Apparti minn dan, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista tiddikjara l-ordni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bħala illegali u arbitrarja hekk kif jitlob l-appellant fl-<u>ewwel talba</u> tiegħu fir-Rikors tal-appell tiegħu, liema talba qed tiġi miċħuda.

Illi ġialadarba l-appellant allura imputat ammetta dak li ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti u wara li din il-Qorti qieset li l-Ewwel Qorti mxiet kif kellha timxi hekk ġiet irreġistrata tali ammissjoni ma hemmx xejn li din il-Qorti tista' b'xi mod jew ieħor tiċċensura fl-operat tal-Ewwel Qorti. Apparti minn dan, fir-rigward tat-<u>tieni talba</u> tal-appellant fejn jitlob lil din il-Qorti tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Kostituzzjonali) minħabba dak imsemmi fih fl-imsemmija talba, din il-Qorti tinnota li f'każ ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni tal-Qorti hija waħda li għandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid hekk:

> "Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm il-darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."

Illi, għalhekk, din il-Qorti bl-ebda mod ma hija msejjħa u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeċiedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni tagħha, it-talba magħmula mill-appellant sabiex issir riferenza abbażi ta' dak premess hijiex waħda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja.

Illi f'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 1990 fl-ismijiet **Alan Mifsud et vs. Avukat Ġenerali** l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet illi l-kliem frivoli jew vessatorji jfissru illi l-kwistjoni li tkun tqajjmet hi irrilevanti proċeduralment fil-proċeduri li fihom tkun tqajjmet. Fis-sentenza msemmija ngħad hekk:

> "Il-Qorti tifhem illi "frivola" riferribbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti – barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li

> "vessatorja" tfisser l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontro-parti."

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li sabiex hija tkun legalment ġustifikata li tista' tagħmel ir-riferenza mitluba, il-kwistjoni mqanqla trid tkun waħda relatata mal-proċeduri li jkollha quddiemha, fis-sens li jekk dik il-kwistjoni kostituzzjonali ma tiġix risolta u deċiża mill-Qorti kompetenti, din il-Qorti ma tkunx tista' tkompli bis-smiegħ u d-deċizjoni tal-mertu tal-vertenza li għandha quddiemha.

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali kollha u jirriżultalha li t-tieni talba tal-appellant ossia dik li tirrigwarda t-talba għall-riferenza kostituzzjonali ma hijiex ta' ostakolu sabiex jitkompla s-smiegħ tal-appell u konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tistenna li l-kwistjoni kostituzzjonali mqanqla tiġi risolta sabiex tkompli tisma' l-istess appell. B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-tqanqil tal-kwistjoni mqajjma mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija frivola u vessatorja u konsegwentement mhux il-każ li ssir r-riferenza rikjesta u għaldaqstant it-tieni talba tal-appellant qed tiġi miċħuda.

Illi fir-rigward tat-<u>tielet talba</u> tal-appellant ossia dik fejn jitlob li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi tammonta għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem għandu jingħad li diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza li din il-Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tisħarreġ tali talba u b'hekk anke t-tielet talba qed tiġi miċħuda wkoll.

Illi fir-rigward tar-<u>raba' talba</u> tal-appellant fejn fiha l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah minn dak li ġie akkużat bih u konsegwentement minn kull ħtija u piena, din il-Qorti tinnota li tenut kont ta' dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u tenut kont ukoll ta' dak li ngħad hawn fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tasal sabiex tillibera lill-appellant minn dak li ġie akkużat bih u minn kull ħtija u piena u dana peress li ma tressqet

l-ebda raġuni valida jew legali sabiex tali talba tiġi milqugħa bil-konsegwenza li din it-talba qed tiġi miċħuda wkoll.

Illi fir-rigward tal-<u>ħames talba</u> tal-appellant fejn huwa jitlob sabiex b'mod alternattiv din il-Qorti tvarja l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti għal waħda ekwa u aktar ġusta, din il-Qorti tinnota, fost l-oħrajn, iż-żmien li l-kawża damet quddiem l-Ewwel Qorti u dak li ġara quddiemha li jirriżulta ben ċar mill-verbali tas-seduti miżmuma quddiemha. Dwar it-talba in eżami din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza li ġiet mogħtija fis-27 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Bartolo** (Numru 293/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jgħid li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-manteniment ma għadux jgħodd u jorbot lill-partijiet peress illi l-i*status quo* tal-appellant illum inbidel tant li qiegħed jgħix bil-pensjoni u għalhekk id-dħul tiegħu naqas konsiderevolment. Jikkontendi li *una volta* il-kuntratt ta' separazzjoni ma jipprovdix għal din l-eventwalita' u ċioè kemm għandu iħallas l-appellant una volta jaqa' bil-pensjoni allura l-appellant għandu jiġi liberat mill-imputazzjoni.
>
> [...]
>
> **Ikkunsidrat**
>
> Illi jirriżulta li minkejja li ma jidhirx li ngħata xi digriet dwar it-talba tal-appellant magħmula quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex jiġi varjat l-ammont ta' manteniment li l-appellant għandu iħallas lil martu Rita jidher li l-appellant qabad u ħa l-liġi b'idejh u ma għaddiex il-manteniment dovut għax-xhur ta' Marzu u April 2018 lill-kwerelanti.
>
> [...]

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**<u>Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri</u>**[2]" fejn għamlet riferenza għal sentenza oħra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Pul. vs. Anthony Saliba</u>**[3], fejn ikun hemm kambjament fiċ-ċirkostanzi bħal każ ta' persuna li tisfa' bla xogħol, dan ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, obbligu sanċit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li taħtu hu akkużat l-appellant.

Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti u għalhekk qabel ma ħareġ bil-pensjoni biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi *se mai* timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jħallas inqas jekk ikun il-każ. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas skont l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddeċieda li ma jħallas xejn aktar u għalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab ħati ġustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tiegħu u fil-fatt jidher mis-sentenza li ngħatat li fil-fatt kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk lanqas piena ma tat fil-konfront tal-appellant.

Mill-banda l-oħra pero' għall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora li l-appellant kellu kull dritt jitlob mill-Qorti Ċivili kompetenti reviżjoni tal-ammont minnu pagabbli lill-martu qabel ma ħareġ bil-pensjoni u għalhekk it-talba messa saret qabel.

---

[2] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002."
[3] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Mejju 1998."

> Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti w osservati skrupolożament.
>
> Għaldaqstant, din il-Qorti qed tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata."

Illi din il-Qorti ta' spiss tiġi rinfaċċjata b'persuni illi jgħidu illi mhumiex f'pożizzjoni illi jħallsu manteniment ordnat mill-Qorti jew skont obligazzjonijiet kuntrattwali għax jinstabu bla xogħol, morda jew minħabba xi impediment. F'kull okkażjoni din il-Qorti tagħmilha ċara illi hija mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi jekk persuna tkunx iddekadiet mid-dritt ta' manteniment kif stabbilit mill-Qorti jew kuntratt ta' manteniment. Bħal ma ngħad fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Debono** (Numru 81/2013), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Jekk din il-Qorti tħalli dan l-argument ireġġi faċli illi persuna b'dikjarazzjonijiet ġeneriċi li ma jistgħux jiġu verifikati jonqas minn obligazzjonijiet kuntrattwali jew li jobdi ordnijiet tal-Qorti. Din il-Qorti ma tistax tiġi wżata għal abbużi bħal dawn u dejjem uriet id iebsa għal min jonqos li jħallas il-manteniment kif dovut skont il-liġi. Fil-fatt fil-kawża **Il-Pulizija kontra Anthony Saliba** deċiża fil-15 ta' Lulju, 1998 intqal, *"...Jekk persuna ma tkunx tista' tħallas il-manteniment ordnat anki f'każ li persuna tisfa bla xogħol, dan ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Ċivili, obbligu sanċit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali illi taħtu hu akkużat l-appellant. Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjezzjoni tal-provi,*

*tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjenti tali modifika, li jkun jista' jħallas anqas jekk ikun il-każ. Sakemm dana jsir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas skont l-ewwel digriet."* (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri**, 18 ta' Settembru, 2002)."

Illi l-appellant ma jridx jinsa l-obbligu ta' manteniment tiegħu. Kif ingħad fis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alex Fenech** (Numru 80/2022), li din il-Qorti tagħmel tagħha, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi minkejja dan it-trapass ta' żmien, l-appellant baqa' inadempjenti. Issa, minkejja s-sentenzi ċitati mill-appellant, il-prinċipju regolatur jibqa' dak wisq drabi mfakkar minn din il-Qorti li bħala waħda ta' reviżjoni ma huwiex fil-mansjoni normali tagħha li tiddisturba d-diskrezzjoni eżercitata mill-Ewwel Qorti meta si tratta tal-piena erogata sakemm ma jkun hemm xejn li jiddimostra li dik il-piena kellha tkun anqas, jew aktar fil-każ ta' appell mill-Avukat Generali, minn dik erogabbli."

Illi din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tadopera l-miżura eċċezzjonali li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena u ma tara ebda rimedju ieħor li jista' b'xi mod iwassal lill-appellant li jara x'jagħmel u jsib il-mezzi biex jottempera ruħu. Huwa minnu li mill-ħabs il-*parte civile* mhijiex ser titħallas ta' dak dovut lilha iżda l-appellant ma jħalli l-ebda xelta lil din il-Qorti.

Illi minħabba dawn ir-raġunijiet kollha din il-Qorti ma tista' qatt tilqa' l-argument dwar il-prinċipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur* u anqas il-ħames talba tal-appellant hekk kif kontenuta fir-Rikors tal-appell tiegħu bil-konsegwenza li din it-talba qed tiġi miċħuda wkoll.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li r-Rikors tal-appell tal-appellant qed ikun miċħud *in toto.*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Christ Scerri Urry u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**